KUNSILL REĠJONALI LVANT

---

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 36

# L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 36

L-Erbgħa 23 ta' Settembru, 2024

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Is-Sa. Helen Gauci – Sindku Għargħur
Is-Sur Charles Selvaggi – Sindku l-Imsida
Is-Sa Yvonne Bartolo – Viċi Sindku Iklin
Is-Sur Neville Chetcuti – Sindku Gżira
Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Is-Sur Stefano Savo –Sindku Pieta'
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema
Is-Sa Maryanne Abela – Kunsillier Swieqi

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Kaylon Zammit – Sindku Pembroke
Dott. Desirei Grech – Sindku Birkirkara

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 36.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

36.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittri t'apoloġiji mingħand is-Sindku ta' Pembroke, is-Sur Kaylon Zammit, u mis-Sindku ta' Birkirkara, Dott. Desirei Grech.

36.1.2 Il-membri preżenti approvaw

## 36.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

36.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 35 li nżammet nhar il-Ġimgħa 30 t'Awwissu 2024 kienu meħuda bħala moqrija.

36.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Helen Gauci, sekondat mis-Sindku ta' l-Imsida, is-Sur Charles Selvaggi.

## 36.3 Komunikazzjoni mill-President

- ***Aġġornment – Kuntratt tal-Ġbir ta' l-Iskart***

36.3.1 Il-President taha aġġornament dettaljata lill-membri dwar dan il-kuntratt b'dak kollu li kien ġara mill-aħħar laqgħa tar-Reġjun.

36.3.2 Is-Sur Chircop spjega kif kienet inżammet laqgħa ma' l-avukat nhar l-Erbgħa 18 ta' Settembru 2024 fejn fiha l-avukat kien iggwidana li mill-pagament ta' Lulju 2024 għandu jiġi mnaqqas 10% mill-ħlas dovut. Din ser tibqa issir xahar wara l-ieħor sakemm tintlaħaq is-somma globali tal-penali li sa 31 ta' Awwissu 2024 ammontat għal total ta' €626,850.

36.3.3 Il-President żied jgħid li dawn il-flus ser ikunu qed jinżammu f'kont bankarju separat bħala riserva sakemm ikun hemm deċiżjoni dwar dawn il-ħlasijiet.

36.3.4 Is-Sur Chircop qal kif lil-parir ta' l-avukat kien sabiex ir-Reġjun jieħu passi fuq żewġ nuqqasijiet – (1) li r-Reġjun għad ma għadux *Work Plan*; u fuq is-sistema tad-DVR li mhux qeda topera kif jitlob il-kuntratt. Fuq id-diversi nuqqasijiet l-oħra r-Reġjun ser ikun qed jibgħat il-provi ta' kull każ, fejn ikunu jistgħu jinħarġu penali skont il-kuntratt.

36.3.5 Id-diskussjoni mal-membri tkompliet ukoll dwar il-problema tal-ġbir ta' l-iskart mill-condominiums

36.3.6 Wara diskussjoni fit-tul dwar dan is-suġġett is-Sur Chircop ġibed l-attenzjoni tal-membri preżenti dwar il-ħlas dovut mill-Kunsilli Lokali lir-Reġjun għas-servizz tal-ġbir ta' l-iskart u spjega li r-Reġjun qed ikollu problema finanzjarja ta' *cash flow* u enfasizza l-importanza li kull Kunsill Lokali jara li dawn il-pagamenti jsiru f'waqthom.

36.3.7 ***17:42pm – is-Sindku ta' Tas-Sliema, is-Sur John Pillow, wasal għal din il-laqgħa.***

- *'The Three Palaces Festival'*

36.3.8 Il-President informa lill-membri kif għal dan il-proġett kien hemm interess minn ħames Kunsilli Lokali - il-lokalitajiet ta' Msida, Pembroke, Ta' Xbiex, Sliema, u Għargħur.

36.3.9 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lill-membri kif kien hemm skedat li tinżamm laqgħa ta' informazzjoni dwar dan mal-lokalitajiet ikkonċernati nhar it-Tnejn 30 ta' Settembru 2024, fid-9am, u kif il-*budget* għal kull avveniment kien ser ikun ta' €150 lil kull Kunsill.

36.3.10 Il-Viċi Sindku ta' Swieqi, is-Sa Maryanne Abela, staqsiet jekk din ir-rappreżentazzjoni tkunx tistà tkun addatatta għall-anzjani.

36.3.11 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li Festivals Malta talbu li l-avvenimenti marbuta ma' dan għandhom ikunu immirati għal tfal żgħar peress li din hija marbuta ma' storja għat-tfal. Pero ser tkun qed tistaqsi dwar dan u tgħaddi l-komunikazzjoni lill-Kunsill Lokali.

- *Proġett ma' TechNovator*

36.3.12 Il-President informa lill-membri kif il-Kunsill Lokali ta' Pembroke ser jkun il-Kunsill Lokali li jikkollabora ma' din il-kumpanija fuq il-proġett pilota li ssemma fl-aħħar laqgħa Reġjonali. Il-proġett pilota se jinkludi l-installazzjoni ta' *bicycle rack* b'pannelli solari flimkien ma' erbgħa *e-bikes*, li ser jintużaw biss fil-lokalità ta' Pembroke.

36.3.13 Is-Sur Chircop kompla jgħid kif il-Kunsill Lokali flimkien mal-Kunsill Reġjonali se jkunu qed isemmi kull speċifikazzjoni meħtieġa mal-kumpanijja sabiex is-sistema tkun ta' suċċess.

- *Proġett ma' CUBEPlus*

36.3.14 Il-Kunsill Lokali tal-Imsida wera l-interess fil-bank tal-iċċarġjar bil-pannelli solari, imqiegħed temporanjament fuq il-promenade tal-Imsida minn. Waqt il-laqgħa bejn il-kumpanija u l-Kunsill Lokali ġie identifikat li l-Kunsill Lokali se jkollu jġorr l-ispejjeż tat-trasport tal-bank minn post għal-ieħor li jistgħu jkunu madwar 2000 ewro. Il-Kunsill Lokali għad irid jikkonferma l-interess sħiħ tagħhom f'din l-installazzjoni.

36.3.15 Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sur Charles Selvaggi, esprima kif bħala Kunsill wrew interess f'dan il-proġett pero tilfu l-interess meta saru nfurmati minn laqgha li kellhom mal-kumpanija li wara sitt xhur dan il-bank ikun irid jgħaddi għand xi ħadd ieħor u jkun fejn ikun fil-lokalità, il-Kunsill huwa marbut li jħallas €3,000 għal servizz sabiex dan jiġi transportat.

36.3.16 Is-Sur Selvaggi informa lill-membri kif il-Kunsill kien ser jieħu deċiżjoni u jinforma lir-Reġjun dwar dan.

- *Proġett - BLUEWAVE SENTINEL*

36.3.17 Il-President informa lill-membri dwar applikazzjoni li ser tkun qed tiġi sottomessa taħt il-Programm Interreg Euro-Med, fejn jiffoka fuq it-tnaqqis tat-tniġġis tal-baħar fil-Mediterran billi juża teknoloġiji intelliġenti, kompatturi li jaħdmu bl-enerġija solari, u l-involviment tal-komunitajiet lokali.

36.3.18 Hu żied jgħid kif dan il-proġett se jkun qed jibni fuq proġetti preċedenti bħal TOURISMED u Plastic Pirates biex tinkorpora sajd-turiżmu sostenibbli, edukazzjoni, u involviment taż-żgħażagħ fl-isforzi tal-konservazzjoni tal-baħar. Il-proġett jinvolvi ħames imsieħba minn Malta, Ċipru, il-Greċja, Korsika, u l-Italja, inklużi muniċipalitajiet minn gżejjer żgħar Taljani u s-sieħeb tekniku Prism - l-Italja. Hemm ħlas ta' €2,000 meta l-proposta tiġi approvata.

36.3.19 Il-membri approvaw din l-applikazzjoni b'mod unanimu.

- *Proġett* WATERISE

36.3.20 B'referenza għal dan il-proġett, is-Sur Chircop jindirizza l-iskarsezza tal-ilma fil-gżejjer tal-Mediterran milquta mit-turiżmu eċċessiv billi jippromwovi prattiki sostenibbli tal-użu mill-ġdid tal-ilma tad-dranaġġ u tal-ilma tax-xita. Huwa jiffoka fuq gżejjer bħal Pantelleria, Lampedusa, Lesvos, Malta (imsieħeb), u Ċipru, bil-għan li jsaħħaħ l-adattament għat-tibdil fil-klima u r-reżiljenza tal-ilma permezz tal-ekoinnovazzjoni, b'soluzzjonijiet integrati bħall-phyto-purification u l-ħsad tal-ilma tax-xita. Il-proġett se jittestja soluzzjonijiet pilota, jibni kapaċità fost il-partijiet interessati lokali, u jittrasferixxi prattiki ta' suċċess f'reġjuni simili, irawwem prattiki tal-ekonomija ċirkolari fis-settur tat-turiżmu u joħloq ġonna tal-komunità u inizjattivi ta' konservazzjoni tal-ilma.

36.3.21 Dawn iż-żewġ proġetti se jiġu sottomessi għall-istess sejħa "Interreg Euro-Med" li qed iġġorr 4 miljun ewro.

- *Seminar ta' Informazzjoni*

36.3.22 Il-President fakkar lil dawk kollha preżenti dwar dan is-seminar li ser ikun qed jinżamm nhar il-Ħamis 3 t'Ottubru 2024.

36.3.23 Is-Sur Chircop saħaq li din l-istedina hija għas-Sindku, Kunsillieri u Segretarji Eżekuttivi sabiex ikunu aktar infurmuti dwar ix-xogħol li qed isir mir-Reġjun b'kollaborazzjoni mal-lokalitajiet fi ħdanu.

36.3.24 Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid kif l-aġenda ta' dan il-laqgħa ser tkun qed tintbagħat fil-ġranet li ġejjin.

- *Regional Sports Day 2024*

36.3.25 Il-President fakkar lill-membri li l-edizzjoni ta' din is-sena ser tkun qed tinżamm nhar il-Ħamis 24 ta' Ottubru 2024.

36.3.26 Huwa ħeġġeġ sabiex dawk li jixtiequ jattendu u jaraw dan l-avveniment sabiex jieħdu nota u jingħaqdu magħna.

- *Avvenimenti Oħra*

36.3.27 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri dwar żewġ avvenimenti oħra li r-Reġjun qed jorganizza għal Pink October u Movember.

36.3.28 Is-Sa Galea infurmat li dettalji dwar dawn iż-żewġ avvenimenti ser ikunu qed jintbagħtu permezz ta' emejl u ħeġġet lill-membri biex jinkuraġġixxu lill-kunsilliera kif ukoll lill-impjegati fi ħdan il-Kunsilli Lokali sabiex jipparteċipaw.

- *Widien*

36.3.29 Il-President taha aġġornament dwar il-laqgħat li nżammut mill-laqgħa preċedenti tar-Reġjun kif ukoll għamel referenza għall-konferenza Vjal Kulħadd li nżammet nhar l-Erbgha 18 ta' Settemrbu 2024 fejn

għaliha kienu preżenti hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Waste Manager ta' l-iskart peress li l-Maniġer ta' l-ambjent kienet bil-leave.

36.3.30 Is-Sur Chircop għamel referenza għall-laqgħa li nżammet mas-Segretarju Parlamentari, l-Onor. Alison Zerafa Civelli, fejn appoġġjat din l-inizjattiva, u dwar laqgħa oħra mal-Ministru Miriam Dalli fejn għaliha kien hemm attendenza minn kull qasam – fosthom Projects Green, ERA, Ambjent Malta – fejn kien hemm anke konferma ta' sapport f'dan ir-rigward.

- *Proprjetà għall-Uffiċini tar-Reġjun*

36.3.31 Il-President informa kif inżammet laqgħa mas-CEO tal-MIDI, Mark Portelli, fejn hemm post li jistà jiġi kkunsidrat bħala uffiċċini għar-Reġjun.

36.3.32 Is-Sur Chircop spjega għadhom iridu jmorru jżuru s-sit u naraw xi jkunu il-finanzi.

## 36.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

36.3.1 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif għal din il-laqgħa ma kien irċieva l-ebda mistoqsijiet mill-membri.

## 36.5 Rapporti

36.5.1 Il-President informa lill-membri li ma kien hemm l-ebda rapport x'jiġi ppreżentat għal din il-laqgħa.

## 36.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Regjun li jkunu meħtiega

- Kwotazzjonijiet

36.6.1 Il-President ressaq fuq il-mejda diversi kwotazzjoni li kienu ngabru għall-approvazzjoni tal-membri:

- Xiri ta' tliet siġġijiet fit-Tribunal Lokali fejn l-orħos kwotazzjoni kienet dik ta' Oxford House bi prezz ta' €680.13;
- Servizz ta' videographer għall-proġett Tnax-il' fejn l-orħos kwotazzjoni kienet dik ta' Nest Creative Lab bi prezz ta' €820.10;
- Servizz ta' ambulanza għall-attivita' *Regional Sports Day 2024* fejn l-orħos kwotazzjoni kienet dik ta' Red Cross bi prezz ta' €243.00;

36.6.2 Il-membri preżenti approvaw il-kwotazzjonijiet imressqa b'mod unanimu.

- *Akkumulazzjoni ta' Leave tal-Vaganzi*

36.6.3 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand is-Segretarju Eżekuttiv sabiex tkun tistà ittella sa' tletin siegħa ta' leave li ma ġiex utilizzat din is-sena għas-sena 2024.

36.6.3 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

## 36.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

36.7.1 Il- President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

36.7.2 Is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Neville Chetcuti, sekondat mis-Sindku ta' l-Imsida, is-Sur Charles Selvaggi, ressqu mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 33A u 33B.

36.7.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 36.8 Mozzjonijiet

36.8.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 36.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

36.9.1 Il-laqgħa intemmet fis-18:55 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 16 t'Ottubru 2024, fil-17:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum l-Erbgħa 16 ta' Ottubru, 2024.

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| --- | --- |
| Anthony Chircop<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |